

Brussell, 23 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7477/1/26
REV 1

FIN 438

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tal-Baġit
Suġġett:	Estimu tad-dħul u tan-nefqa għas-sena finanzjarja 2027 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsima II tal-Baġit tal-UE) - Memorandum ta' spjegazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Il-proċedura baġitarja għas-sena finanzjarja 2027 ser titwettaq f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda¹.

¹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2027, approvati mill-Kunsill ECOFIN fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2026², jenfasizzaw il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni jirrispettaw u jikkonformaw mal-elementi kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 meta jstabbilixxu u jimplementaw il-baġit għall-2027, li jżommu d-dixxiplina baġitarja u li jibbaġitjaw biss l-elementi tan-nefqa meqjusa meħtieġa. Huwa affermat mill-ġdid li l-limitu massimu għall-intestatura 7 tal-QFP 2021-2027 huwa bbażat fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jadottaw approċċ komprensiv u strett biex jiġi żgurat li r-riżorsi tal-persunal jiġu ottimizzati fir-rigward tal-prinċipju tal-persunal stabbli, kif ukoll biex jinkiseb titjib fl-effiċjenza u ffrankar fil-kost korrispondenti fin-nefqa amministrattiva mhux relatata mas-salarji.

2. Il-qafas interistituzzjonali ġenerali għall-elaborazzjoni tal-proposti għall-abbozz ta' baġit (AB) 2027 ġie stabbilit fl-ittri tal-Kummissjoni bid-data tat-12/12/2025 u t-18/12/2025, fejn l-istituzzjonijiet kollha kienu mistiedna jħejju l-estimi tagħhom abbażi tal-linji gwida li ġejjin:
 - jinkludu l-estimi li ġejjin għall-aġġornament tar-remunerazzjoni tal-persunal: +2.2 % mill-01/07/2026; +2.3 % mill-01/07/2027,
 - jimmiraw lejn politika stabbli dwar il-persunal,
 - jimmiraw lejn limitazzjoni għal żieda fin-nefqa kollha mhux relatata mas-salarji sa massimu ta' 2 % meta mqabbla mal-livell tal-2026.

Skont il-Kummissjoni, l-evoluzzjoni tal-għoli tal-ħajja li għandha tintuża għall-AB 2027 hija stmata għal 2.0 % għal Brussell u 1.9 % għal-Lussemburgu.

3. B'kont meħud tal-linji gwida ta' hawn fuq, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) elabora proposta għall-estimi tal-AB 2027 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimi II tal-baġit tal-UE).

L-estimi jinkludu d-dispożizzjonijiet li ġejjin relatati mar-rinnovazzjoni tal-bini Justus Lipsius:

- a) Id-dispożizzjoni għax-xogħlijiet preparatorji għar-rinnovazzjoni, jiġifieri l-ħolqien tal-kmamar tal-laqgħat addizzjonali fil-bini LEX u l-kostruzzjoni ta' faċilità ġdida għall-interpretazzjoni (imsejħa "miżuri ta' akkumpanjament" fid-dokumentazzjoni rilevanti), hija magħmula fil-baġit normali tas-SĠK³ u miżmuma fiż-żieda massima ta' 2 % stipulata fil-gwida msemmija hawn fuq.

² Dokument ST 5755/26.

³ It-Taqsimi IV fid-dokument ST 15565/25, il-paragrafu 20 tad-dokument ST 12456/24 u l-paragrafu 17 tad-dokument ST 15565/25.

- b) Id-dispożizzjoni ta' EUR 1.5 miljun għal studju addizzjonali, separat u estern dwar il-kosteffiċjenza minn konsulenti indipendenti li fih ser jiġu vvalutati diversi xenarji, b'mod partikolari xogħlijiet ta' rinnovazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata esklużivament u unikament il-konformità mal-obbligi legali u rinnovazzjoni profonda⁴. Dan l-ammont jieħu l-abbozz tal-estimi lil hinn mill-gwida tal-Kummissjoni.

Minkejja l-istabbilizzazzjoni tal-inflazzjoni, it-telf kumulattiv tal-kapaċità tal-akkwist fil-parti mhux relatata mas-salarji tal-baġit ikompli jkollu impatt fuq l-oqsma kollha tal-attivitajiet tas-SĠK. Saru sforzi biex jinstab iffrankar filwaqt li, fl-istess ħin, jinżammu l-kwalità u l-kontinwità tal-operazzjonijiet. Il-baġit tas-SĠK jiffinanzja l-ewwel u qabel kollox attivitajiet rikorrenti li ma jistgħux jiġu pprogrammati mill-ġdid jew imnaqqsa minħabba l-bżonn li jiġi żgurat li l-ħidma normali tkun tista' tkompli. L-erożjoni tal-finanzjament għalhekk tinħass l-aktar fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti, it-tagħmir u l-investment. L-eżekuzzjoni tal-baġit hija għolja u l-marġni biex jiġu koperti kostijiet mhux mistennija jew attivitajiet mhux previsti kkawżati minn żviluppi esterni, huma limitati.

Fir-rigward tal-persunal, fil-proċeduri baġitarji annwali għall-2025 u l-2026, is-SĠK għamel talbiet għal sitt u ħames postijiet AD addizzjonali, rispettivament, sabiex jirrekluta speċjalisti b'esperjenza fis-sigurtà tal-IT wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà⁵. L-eżitu ta' dawn il-proċeduri għas-SĠK kien żieda netta tat-tabella tal-persunal b'post waħda biss, bil-kontra ta' istituzzjonijiet oħra bħall-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li f'dawn l-aħħar snin rċevew rinforzi qawwija f'termini ta' postijiet addizzjonali marbuta maċ-ċibersigurtà. Peress li l-ħtiġijiet sinifikanti u urġenti f'dan il-qasam għadhom ma ġewx issodisfati, is-SĠK iżomm it-talba limitata tiegħu għal ħames postijiet AD addizzjonali għal esperti taċ-ċibersigurtà kwalifikati, li għandhom jiġu reklutati matul l-2027.

Is-SĠK jipproponi estimi ta' EUR 755.0 miljun għall-AB 2027. Dan l-ammont jikkorrispondi għal żieda kumplessiva ta' EUR 15.4 miljun jew 2.1 % meta mqabbel mal-baġit ivvutat għall-2026.

In-nefqa relatata mas-salarji tammonta għal EUR 484.0 miljun - żieda ta' EUR 8.5 miljun jew 1.8 % meta mqabbla mal-2026.

⁴ Fit-13 ta' Marzu 2026, il-COREPER ipprova gwida għal aktar ħidma, u 11-il Stat Membru ppreżentaw dikjarazzjoni li ġiet mehmuża mal-minuti.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jstabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023).

In-nefqa mhux relatata mas-salarji tammonta għal EUR 270.9 miljun - żieda ta' EUR 6.9 miljun jew 2.6 % meta mqabbla mal-2026. Dik iż-żieda għandha tliet komponenti:

- EUR 5.3 miljun jew 2.0 % meta mqabbel mal-2026, f'konformità stretta mal-gwida tal-Kummissjoni skont il-punt I.2 hawn fuq,
- EUR 0.12 miljun għall-ewwel pagament ta' annwalità għax-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni fil-bini ECCL fil-Lussemburgu⁶ u
- EUR 1.5 miljun jew 0.6 % għall-istudju addizzjonali, separat u estern tal-kosteffiċjenza tal-proġett ta' rinnovazzjoni ta' Justus Lipsius minn konsulenti indipendenti (ara l-punt I.3b hawn fuq).

It-Tabella 1 tippreżenta l-proposta tal-baġit għall-2027 skont il-kategoriji. Kummenti aktar dettaljati dwar l-iżvilupp ta' kull kategorija jinsabu fit-Taqsima II hawn taħt.

Tabella 1: Proposta għal abbozz ta' baġit tal-KE/K għall-2027 (skont il-kategorija, EUR)

Kapitolu / artikolu / partita	Kategorija tan-nefqa	Baġit 2026	AB 2027	Differenza	Bidla 2027/2026
		1	2	3=2-1	4=3/1
10	Membru tal-Istituzzjoni (President)	2.525.000	2.667.000	142.000	5,6%
11	Persunal statutorju (Tabella tal-persunal)	460.822.187	468.359.321	7.537.134	1,6%
12	Persunal ieħor u servizzi esterni	17.228.500	17.969.500	741.000	4,3%
13	Nefqa oħra relatata mal-persunal	12.842.000	13.724.000	882.000	6,9%
TITOLU 1	Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni	493.417.687	502.719.821	9.302.134	1,9%
200, 201	Bini	63.230.500	67.362.500	4.132.000	6,5%
210	Sistemi tal-kompjuter	55.781.000	59.575.000	3.794.000	6,8%
211	Għamara	1.055.500	1.055.500	0	0,0%
212	Tagħmir tekniku	3.476.500	1.243.250	-2.233.250	-64,2%
213	Trasport	2.068.500	2.260.750	192.250	9,3%
2200	Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet	15.505.000	15.505.000	0	0,0%
2202	Kostijiet ta' interpretazzjoni	85.060.000	85.060.000	0	0,0%
2201, 2203, 2204, 2205	Laqgħat u konferenzi	8.784.000	8.622.000	-162.000	-1,8%
2210, 2212, 2213	Informazzjoni	9.814.000	10.174.000	360.000	3,7%
223	Oħra	1.386.000	1.406.000	20.000	1,4%
TITOLU 2	Bini, tagħmir u nefqa operattiva	246.161.000	252.264.000	6.103.000	2,5%
TITOLU 10	Riserva	p.m	p.m	n/a	n/a
BAĠIT TOTALI		739.578.687	754.983.821	15.405.134	2,1%
	Nefqa relatata mas-salarji	475.544.187	484.049.321	8.505.134	1,8%
	Nefqa mhux relatata mas-salarji	264.034.500	270.934.500	6.900.000	2,6%
BAĠIT TOTALI		739.578.687	754.983.821	15.405.134	2,1%

⁶ Id-dettalji dwar ix-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni huma deskritti fid-dokument ST 6108/26. Skont l-aħħar informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Lussemburgiżi, l-ewwel pagament previst fl-2027 huwa ta' EUR 0.12 miljun.

II. KUMMENTI SKONT IL-KATEGORIJA TAN-NEFQA

1. Membru tal-Istituzzjoni, il-President (Kapitolu 10)

Dan il-kapitolu huwa maħsub biex ikopri l-ispejjeż tal-President tal-Kunsill Ewropew u jiżgura t-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha skont it-Trattati.

Iż-żieda ta' 6 % (EUR 0.14 miljun) f'dan il-kapitolu hija prinċipalment dovuta għall-appropriazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għal "nefqa manijerjali oħra". Abbażi ta' analiżi komprensiva tal-eżitu fl-2025, iż-żieda għandha l-għan li takkomoda l-ħtiġijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew fl-2027, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, il-kostijiet relatati ma' summits multilaterali u laqgħat ta' livell għoli, kif ukoll l-inflazzjoni fis-suq tal-ivvjaġġar.

2. Uffiċjali u persunal temporanju (Kapitolu 11)

Iż-żieda ta' 2 % (EUR 7.5 miljun) f'dan il-kapitolu hija ddeterminata prinċipalment mill-fatturi li ġejjin:

a) Aġġustament tas-salarji

Iż-żieda fil-linja baġitarja tas-salarji bażiċi (EUR 7.9 miljun) tirrifletti l-gwida tal-Kummissjoni stipulata fit-Taqsima I.2 hawn fuq. Ir-rati finali għall-aġġustamenti tar-remunerazzjoni tal-2026 u l-2027 ser ikunu disponibbli f'Diċembru 2026 u f'Diċembru 2027 rispettivament.

b) Tabella tal-persunal

It-talba għal ħames postijiet AD 8 addizzjonali hija bbażata fuq il-bżonnijiet biex jiġu ssodisfati l-obbligi tas-SĠK skont ir-Regolament tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà.

Is-SĠK jistma li r-rata ta' okkupanza tal-2027 ser tkompli titjeb u bħala medja ser tkun ta' 98.7 %. Din tirrappreżenta tnaqqis fir-rata fissa ta' tnaqqis b'0.5 punti perċentwali meta mqabbel mal-2026, li huwa marbut ma' proċeduri ta' reklutaġġ aktar effiċjenti. Dan iġib lill-Kunsill konformi mat-tnaqqis b'rata fissa attwali tal-Kummissjoni.

Bi tkomplija tal-isforzi tas-snin preċedenti biex jiġu adattati l-profil tal-persunal għar-rekwiżiti tal-impjieg li qed jinbidlu, huwa propost li 10 postijiet AST jinbidlu għal 10 postijiet AD.

3. Persunal ieħor u servizzi esterni (Kapitolu 12)

Il-bidla totali ta' 4 % (EUR 0.74 miljun) f'approprjazzjonijiet fi ħdan dan il-kapitolu hija prinċipalment marbuta mal-aġġustamenti stmati tas-salarji ta' persunal ieħor fl-2027. Filwaqt li l-għadd ta' Ekwivalenti għall-Full Time (FTEs) tal-kategoriji l-oħra ta' persunal estern (aġenti kuntrattwali u persunal interim) fl-2027 jibqa' l-istess, huwa propost li jiżdedu l-approprjazzjonijiet u l-għadd stmat ta' FTEs għall-Esperti Nazzjonali Sekondati (SNEs) biex jaqdu l-bżonnijiet għal speċjalisti f'ċerti setturi fis-SĠK.

L-approprjazzjonijiet għat-traineeships jiżdedu bi ftit inqas minn 12 % (EUR 0.12 miljun) biex tiġi żgurata l-opportunità għal żgħażaġh bi kwalifiki għoljin minn kemm jista' jkun Stati Membri possibbli li jqattgħu ħin jaħdmu fis-SĠK.

4. Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni (Kapitolu 13)

Il-bidla totali ta' 7 % (EUR 0.88 miljun) f'approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu hija prinċipalment dovuta għaż-żieda fl-"ispejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill" u l-"ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew". Il-bżonnijiet addizzjonali huma prinċipalment marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, is-summits multilaterali u l-laqgħat ta' livell għoli, l-inflazzjoni fis-suq tal-ivvjaġġar, kif ukoll biex ikopru kostijiet oġhla għall-allowances tal-missjonijiet⁷.

5. Bini u kostijiet assoċjati (Kapitolu 20)

a) Bini (Artikolu 200)

Il-baġit għall-funzjonament tal-bini jiżded bi 12 % (EUR 1.65 miljun). Dan huwa dovut għad-dispożizzjoni ta' EUR 1.5 miljun għall-istudju addizzjonali, separat u estern dwar il-kosteffiċjenza minn konsulenti indipendenti dwar il-linja baġitarja għan-nefqa qabel l-akkwist, il-kostruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini. EUR 0.12 miljun huma allokatu wkoll għax-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni tal-bini ECCL fil-Lussemburgu, li għalihom il-Kunsill ser jipprovdi kontribuzzjonijiet annwali, mifruxa fuq id-durata tal-Konvenzjoni⁸ sal-2048.

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/693 tas-26 ta' Frar 2025 dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri, ĠU L, 12.5.2025, p. 1.

⁸ Ftehim dwar l-użu tal-bini ECCL mill-Kunsill ġie ffirmat fit-18 ta' Ġunju 2015 bejn l-Istat tal-Lussemburgu u l-Kunsill. Informazzjoni dwar ix-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni tal-bini ECCL fil-Lussemburgu hija disponibbli fid-dokument ST 6108/26.

b) Kostijiet relatati mal-bini (Artikolu 201)

Il-baġit globali għall-kostijiet operattivi u ta' manutenzjoni tal-bini juri żieda ta' EUR 2.5 miljun (jew 5 %). Dan jirriżulta minn żieda fil-prezzijiet ta' 12 % skont il-kuntratt qafas il-ġdid għas-sigurtà u s-sorveljanza tal-bini tas-SĠK. L-indiċjar tas-servizzi tas-sigurtà huwa rregolat mil-leġiżlazzjoni Belġjana u mill-ftehim kollettiv tax-xogħol.

6. Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara (Kapitolu 21)

a) Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet (Artikolu 210)

Il-baġit għall-IT jiżdied b'7 % (EUR 3.8 miljun). Din iż-żieda tirriżulta prinċipalment minn approprijazzjonijiet addizzjonali meħtieġa biex jiġi implimentat ir-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà (EUR 1.5 miljun) u miċ-ċaqliq tal-approprijazzjonijiet għat-tagħmir awdjoviżiv, li qed isir dejjem aktar diġitalizzat, mill-Artikolu 212 (EUR 2.2 miljun).

b) Għamara (Artikolu 211)

Il-baġit għall-kiri u t-tiġdid tal-għamara jibqa' fl-istess livell bħal dak fl-2026.

c) Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (Artikolu 212)

Il-baġit għas-sostituzzjoni u t-tiġdid ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi jonqos b'64 % (-EUR 2.2 miljun) bħala riżultat taċ-ċaqliq tal-baġit għal tagħmir awdjoviżiv għall-Artikolu 210 (ara t-Taqsima II.6 (a)).

d) Trasport (Artikolu 213)

Il-baġit għal dan l-artikolu jiżdied b'9 % (EUR 0.19 miljun). Dan jirriżulta mill-għadd u d-daqs mistenni ta' summits multilaterali u laqgħat ta' livell għoli.

7. Nefqa operattiva (Kapitolu 22)

a) Spejjeż tal-ivjaġġar tad-delegazzjonijiet (Partita 2200)

Il-baġit għall-ispejjeż tal-ivjaġġar tad-delegazzjonijiet jibqa' l-istess meta mqabbel mal-2026.

b) Kostijiet tal-interpretazzjoni (Partita 2202)

Il-baġit għall-kostijiet tal-interpretazzjoni jibqa' l-istess meta mqabbel mal-2026.

c) Laqgħat u konferenzi (Partiti 2201, 2203, 2204, 2205)

Tnaqqis żgħir ta' EUR 0.16 miljun għal-laqgħat u l-konferenzi jirriżulta mill-iffrankar fuq il-kostijiet tal-forniment tal-ikel.

d) Informazzjoni (Artikolu 221)

Il-baġit għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni jiżdied b'4 % (EUR 0.36 miljun). L-appropriazzjonijiet addizzjonali ser jippermettu li jiġu żviluppati aktar l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u li tiġi indirizzata ż-żieda fil-kostijiet tas-servizzi awdjoviżivi.

e) Spejjeż oħra (Artikolu 223)

Il-baġit ta' dan l-artikolu jiżdied b'1 % (EUR 0.02 miljun) prinċipalment minħabba dispożizzjonijiet għall-ispejjeż postali u bankarji.

8. Aktar informazzjoni dettaljata tingħata fl-annessi:

Anness I: Estimju tad-Dħul u tan-Nefqa għas-sena finanzjarja 2027

Anness II: Tabella tal-persunal 2027

Anness III: Evoluzzjoni tal-għadd ta' persunal estern u n-nefqa fuqu

Estimu tad-Dħul u tan-Nefqa Għas-sena finanzjarja 2027 Taqsimha II - Kunsill Ewropew u Kunsill					
Partita	Deskrizzjoni	Eritu tal-2025	Bajit Ivvotat 2026	AB 2027	% 2027/2026
TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni					
1000	Salarji bażiki	425.534	465.000	477.000	3%
1001	Intitolamenti relatati mal-post okkupat	86.755	103.000	105.000	2%
1002	Intitolamenti relatati mal-ċirkostanzi personali	12.222	16.000	16.000	0%
1003	Kopertura tas-sigurtà soċjali	16.035	24.000	24.000	0%
1004	Nefqa oħra għall-estjoni	1.645.258	1.650.000	1.855.000	12%
1006	Intitolamenti relatati mad-dħul, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	6.355	0	0	
1007	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	0	0	0	
100	Remunerazzjoni u intitolamenti oħra	2.192.879	2.258.000	2.477.000	10%
1010	Benefiċċju transitorju	262.986	267.000	190.000	-29%
101	Tmien tas-servizz	262.986	267.000	190.000	-29%
Total Kapitolu 10 - Membri tal-Istituzzjoni		2.455.864	2.525.000	2.667.000	6%
1100	Salarji bażiki	319.830.457	343.965.187	351.872.321	2%
1101	Intitolamenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal relatati mal-post okkupat	1.583.511	1.389.000	2.024.000	2%
1102	Intitolamenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal relatati mal-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal	80.489.231	87.315.000	89.003.000	2%
1103	Kopertura tas-sigurtà soċjali	12.795.545	13.875.000	14.231.000	3%
1104	Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji	103.020	161.000	161.000	0%
1105	Sahra	646.766	1.290.000	1.290.000	0%
1106	Intitolamenti skont ir-Regolamenti tal-Persunal relatati mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	2.655.000	2.195.000	2.195.000	0%
1107	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	0	7.626.000	5.273.000	-31%
110	Remunerazzjoni u intitolamenti oħra	418.103.530	458.436.187	466.033.321	2%
1110	Allowances fil-każ ta' rtirar fil-interess tas-servizz	1.358.320	2.386.000	2.304.000	-3%
1112	Intitolamenti tas-Segretarji Ġenerali preċedenti	0	0	0	
111	Tmien tas-servizz	1.358.320	2.386.000	2.304.000	-3%
Total Kapitolu 11 - Uffiċjali u persunal temporanju		419.461.910	460.822.187	468.359.321	2%
1200	Aġenti oħra	13.352.729	14.022.000	14.450.000	3%
1201	Esperti nazjonali sekondari	1.241.209	1.524.000	1.793.000	18%
1202	Traineeships	899.874	999.000	1.116.000	12%
1203	Servizzi esterni	197.332	328.000	328.000	0%
1204	Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni	381.000	122.500	119.500	-2%
1207	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	0	233.000	163.000	-30%
120	Persunal ieħor u servizzi esterni	16.072.144	17.228.500	17.969.500	4%
Total Kapitolu 12 - Persunal ieħor u servizzi esterni		16.072.144	17.228.500	17.969.500	4%
1300	Nefqa varja għar-reklutazzjoni	111.448	163.000	163.000	0%
1301	Żvilupp professjonali	2.053.140	2.241.000	2.273.000	1%
130	Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-per.	2.164.588	2.404.000	2.436.000	1%
1310	Għotjiet speċjali ta' assistenza	0	24.000	25.000	4%
1311	Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal	179.006	162.500	164.000	1%
1312	Għajnejn supplimentari għall-persuni b'disabbiltà	360.000	361.500	360.000	0%
1313	Nefqa soċjali oħra	36.449	53.000	53.000	0%
131	Miżuri li jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni	575.455	601.000	602.000	0%
1320	Servizz mediku	285.914	425.000	373.000	-12%
1322	Crèches u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal	3.184.000	3.282.000	3.333.000	2%
1323	Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-estjoni tal-persunal	1.255.376	1.460.000	1.460.000	0%
132	Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni	4.725.290	5.167.000	5.166.000	0%
1331	Spejjeż tal-miżjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill	3.220.000	2.370.000	3.370.000	13%
1332	Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew	1.950.000	1.700.000	2.100.000	24%
133	Miżjonijiet	5.170.000	4.670.000	5.470.000	17%
134	Miżuri tal-iskola għall-iskoljiet Ewropej Tip I	0	0	50.000	
Total Kapitolu 13 - Nefqa oħra relatata mal-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		12.635.332	12.842.000	13.724.000	7%
TOTAL TITOLU 1		450.625.251	493.417.687	502.719.821	1,9%

**Estimu tad-Dħul u tan-Nefqa
Għas-sena finanzjarja 2027
Taqsimu II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

Partita	Deskrizzjoni	Eritu tal-2025	Baġit Ivvotat 2026	AB 2027	% 2027/2026
TITOLU 2 - Bini, tagħmir u nefqa operattiva					
2000	Kera	148.456	452.000	513.000	13%
2003	Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni	9.474.018	10.745.000	11.230.000	5%
2004	Xogħol biex il-bini jkun sigur	1.632.808	1.500.000	1.100.000	-27%
2005	Nefqa qabel l-akkwist, il-konstruzzjoni u s-sistemazzjoni ta' bini	813.327	543.000	2.047.000	277%
200	Bini	12.128.609	13.240.000	14.890.000	12%
2010	Tindif u manutenzjoni	20.476.758	22.413.000	22.143.000	-1%
2011	Ilma, gass, elettriku u tizhin	6.941.242	6.931.000	6.982.000	1%
2012	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	18.475.606	19.257.000	21.961.000	14%
2013	Assigurazzjoni	805.814	831.500	831.500	0%
2014	Nefqa oħra relatata mal-bini	454.713	558.000	555.000	-1%
201	Kostijiet relatati mal-bini	47.154.133	49.990.500	52.472.500	5%
Total Kapitolu 20 - Bini u kostijiet assoċjati		59.282.743	63.230.500	67.362.500	7%
2100	Akkwist ta' tagħmir u software	17.554.723	16.465.500	17.550.000	7%
2101	Assistenza esterna għall-operat u li-ivvilupp ta' sistemi tal-kompjuter	33.055.705	30.409.000	32.403.000	7%
2102	Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software	6.493.846	7.196.500	7.752.000	8%
2103	Telekomunikazzjoni	1.952.710	1.710.000	1.870.000	9%
210	Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjoni	59.056.984	55.781.000	59.575.000	7%
211	Għamara	1.201.642	1.053.500	1.053.500	0%
2120	Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	1.726.431	2.037.000	726.750	-64%
2121	Assistenza esterna għall-operat u li-ivvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi tal-kompjuter	88.000	103.000	110.000	7%
2122	Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswijs ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	1.286.158	1.336.500	406.500	-70%
212	Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	3.100.589	3.476.500	1.243.250	-64%
213	Trasport	1.649.990	2.068.500	2.260.750	9%
Total Kapitolu 21 - Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara		65.209.405	62.381.500	64.134.500	3%
2200	Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet	15.104.171	15.505.000	15.505.000	0%
2201	Spejjeż varji ta' vjaġġar	398.063	510.000	510.000	0%
2202	Kostijiet ta' interpretazzjoni	82.536.829	85.060.000	85.060.000	0%
2203	Spejjeż ta' rappreżentazzjoni	143.219	191.000	191.000	0%
2204	Nefqa varja għal-laqgħat	5.561.622	5.662.000	5.505.000	-3%
2205	Organizzazzjoni ta' konferenzi, kongressi u laqgħat	809.853	2.421.000	2.416.000	0%
220	Laqgħat u konferenzi	104.553.757	109.349.000	109.187.000	0%
2210	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija	2.797.130	2.853.000	2.853.000	0%
2212	Pubblikazzjonijiet ġenerali	342.986	326.000	336.000	3%
2213	Informazzjoni u avvenimenti pubbliċi	6.855.603	6.635.000	6.985.000	5%
221	Informazzjoni	9.995.719	9.814.000	10.174.000	4%
2230	Provvisti tal-uffiċċju	460.435	390.000	390.000	0%
2231	Spejjeż postali	55.000	45.000	50.000	11%
2232	Nefqa fuq studji, oħroġ u konsultazzjonijiet	0	45.000	45.000	0%
2234	Rilokazzjonijiet	25.200	33.000	33.000	0%
2235	Spejjeż finanzjarji	5.000	0	15.000	#DIV/0!
2236	Spejjeż u kostijiet, danni u kumpens legali	556.000	556.000	556.000	0%
2237	Nefqa oħra relatata mal-operazzjoni	293.051	317.000	317.000	0%
223	Spejjeż varji	1.340.686	1.386.000	1.406.000	1%
Total Kapitolu 22 - Nefqa operattiva		115.890.161	120.549.000	120.767.000	0%
TITOLU TOTALI 2		240.382.308	246.161.000	252.264.000	2,5%
BAGĦI TOTALI		691.007.559	739.578.687	754.983.821	2,1%

TABELLA TAL-PERSUNAL 2027
Taqsim II - Kunsill Ewropew u Kunsill

Baġit 2026				Abbozz tal-baġit 2027			
Kategorija u grad	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji		Kategorija u grad	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji	
		President tal-Kl	Oħrajn			President tal-Kl	Oħrajn
HC	1	0	0	HC	1	0	0
AD 16	8	1	0	AD 16	8	1	0
AD 15	33	1	0	AD 15	33	1	0
AD 14	145	2	1	AD 14	145	2	1
AD 13	140	3	0	AD 13	140	3	0
AD 12	214	7	1	AD 12	212	7	1
AD 11	112	2	0	AD 11	132	2	0
AD 10	202	2	0	AD 10	211	2	1
AD 9	250	0	1	AD 9	242	0	0
AD 8	141	0	0	AD 8	132	0	1
AD 7	134	1	2	AD 7	113	1	1
AD 6	67	1	0	AD 6	83	1	0
AD 5	116	0	0	AD 5	126	0	0
Subtotal AD	1562	20	5	Subtotal AD	1577	20	5
AST 11	42	0	0	AST 11	47	0	0
AST 10	43	0	0	AST 10	41	0	0
AST 9	191	7	0	AST 9	186	7	0
AST 8	88	2	0	AST 8	110	2	0
AST 7	164	0	0	AST 7	177	0	0
AST 6	226	0	0	AST 6	212	0	0
AST 5	235	1	0	AST 5	208	1	0
AST 4	150	0	0	AST 4	127	0	0
AST 3	46	2	0	AST 3	59	2	1
AST 2	10	1	0	AST 2	23	1	0
AST 1	8	0	0	AST 1	8	0	0
Subtotal AST	1209	13	0	Subtotal AST	1198	13	1
SC 6	0	0	0	SC 6	2	0	0
SC 5	1	0	0	SC 5	5	0	0
SC 4	9	0	0	SC 4	16	0	0
SC 3	36	0	0	SC 3	44	0	0
SC 2	97	0	0	SC 2	104	0	0
SC 1	77	0	0	SC 1	49	0	0
Subtotal SC	220	0	0	Subtotal SC	220	0	0
Total	2992	33	5	Total	2996	33	6
Total ġenerali		3030		Total ġenerali		3035	

¹⁾ Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

²⁾ Inkluż 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

³⁾ Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

⁴⁾ Inkluż 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

Evoluzzjoni tal-għadd ta' persunal estern u n-nefqa fuqu

<i>Kunsill</i>	<i>Baġit ivvotat 2026</i>		<i>Dikjarazzjoni tal-estimi 2027</i>	
	Tip ta' persunal	Appropriazzjoniji et (EUR)	Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' appropriazzjoniji et awtorizzati	Appropriazzjoniji et (EUR)
Aġenti Kuntrattwal	13.851.000	232	14.279.000	232
Esperti Nazzjonali	1.524.000	22	1.793.000	26
Aġenti Lokali	0	0	0	0
Intérimaires	244.000	3	244.000	3
Assistenti Parlamentari	N/A	N/A	N/A	N/A
Total	15.619.000	257	16.316.000	261

* Unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time